# "Aħna nemmnu li int għad terġa' tiġi bħala mħallef"
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Novembru 2025

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Mulej Ġesù, li tgħammar f'dawl il-glorja,
int waħdek it-triq tagħna, it-tama u l-ħajja;
ilqa' t-tifħir li bl-umiltà ta' qalbna
illum noffrulek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Madwarek l-anġli tas-smewwiet jifirħu
u jbierku lil qdusitek bla ma jieqfu;
lilek ifaħħru l-qaddisin u jgħannu
lit-tjieba tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għall-merti ta' Marija l-Verġni Mqaddsa,
u ta' dawk kollha li sejjaħt għall-premju,
żomm il-kastig li jistħoqqilna, w fejjaq
il-mard ta' ruħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Deh, la tinsiex lil dawk li minn dal-ħajja
għaddew minn bieb il-mewt għal dik li tibqa'
sabiex fil-laqgħa miegħek issaffihom
u bik thennihom.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Agħmel, Mulej, li fuq din l-art imsejkna
ma nehdew qatt nagħtuk it-tifħir tagħna,
biex inkompluh lit-Trinità Qaddisa
fil-ferħ ta' dejjem. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Il-festa solenni li nagħmlu biex nagħtu ġieħ għall-merti tagħhom lill-qaddisin ta' Alla kollha f'daqqa u t-tifkira solenni tal-fidili mejtin fl-ewwel jumejn ta' Novembru bħal donnhom jintunaw l-ispirtu u d-devozzjoni ta' dan ix-xahar fuq in-nota tar-realtà tal-mewt u ta' dak li jiġi wara … Sinfonija li tagħlaq proprju bis-Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu, ta' dak li miegħu se tlaqqagħna l-mewt, hekk li l-melodija, għalkemm forsi xi ftit kiebja, hija waħda ta' tama u serenità għax, aħna li nemmnu, nafu min hemm tassew jistenniena fi

tmiem dan il-vjaġġ: Ġesù Kristu. Mhux hekk tgħanni l-Knisja fl-innu ta' tifħir, it-*Te Deum*: "Aħna nemmnu li int għad terġa' tiġi bħala mħallef. Nitolbuk għalhekk li tgħin lill-qaddejja tiegħek, li int fdejt b'demmek il-għażiż."

F'*L-Arloġġ tat-Talb*, għall-ħin tat-8:00 a.m. San Ġorġ Preca lill-membri tas-soċjetà li waqqaf riedhom jieqfu biex jimmeditaw dwar in-Novissmi, jiġifieri l-aħħar ħwejjeġ. Meditazzjoni qasira, konċiża, imma tassew mimlija bit-tifsir.

> Żgur li mmut. Meta ma nafx. U darba biss. Malli mmut inkun iġġudikat fuq għemili ta' ħajti kollha, u s-sentenza li tmissni tkun żgur waħda minn dawn it-tnejn: jew tgawdija eterna, jew tbatija eterna.

Dun Ġorġ kien ukoll jirrifletti dwar dawn l-aħħar ħwejjeġ billi jisħaq li min jaħseb fihom ma jidneb qatt—frażi li probabbilment niftakruha mill-klassijiet tal-katekeżi fl-oqsma tal-M.U.S.E.U.M.

Għaldaqstant, f'dan il-ħin ta' ġabra, se nħallu r-realtà u l-fidi tagħna dwar il-mewt, il-ġudizzju, u l-ħajja bla tmiem li tiġi wara ddawwal il-qima u l-adorazzjoni tagħna. U dan se nagħmluh billi nimmeditaw fuq waħda mill-parabboli msejħa tas-Saltna ta' Smewwiet li nsibu fl-Evanġelju skont San Mattew: il-parabbola li jgħid Ġesù dwar il-qamħ u s-sikrana.

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (13, 24-30)

F'dak iż-żmien, Ġesù ġabilhom parabbola oħra u qalilhom: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' żerriegħa tajba fl-għalqa tiegħu. Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq. Meta mbagħad il-qamħ nibet u ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana. Resqu l-qaddejja fuq sid l-għalqa u qalulu, 'Sinjur, int mhux żerriegħa tajba żrajt fl-għalqa tiegħek? Mela dis-sikrana mnejn ġiet?' Iżda hu qalilhom, 'Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi.' 'Tridx immorru niġbruha?' qalulu l-qaddejja. 'Le,' qalilhom, 'għax intom u tiġbru s-sikrana għandkom mnejn taqilgħu magħha l-qamħ ukoll. Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid lill-ħassada: 'Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qatta qatta għall-ħruq, imbagħad qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi.' "

**Il-Kelma tal-Mulej**

*R/. Tifħir lilek, Kristu*

## Innu Ewkaristiku

Barra l-parabbola, San Mattew jirrakkuntalna kif Ġesù nnifsu jispjegaha lid-dixxipli meta jkun id-dar magħhom, mhux għax ried jaħbi it-tifsira min-nies imma proprju għax mhux kulħadd kien lest jew ried jisma' u jilqa' tħabbira minn fomm il-Mulej ta' kliem l-għerf u tal-ħwejjeġ moħbija sa mit-twaqqif tad-dinja (ara Salm 28, 2; Mt 13, 35). Ejjew nisimgħu t-tifsira li Ġesù jagħti lid-dixxpli tiegħu u lilna ta' din il-parabbola.

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (13, 36-43)
Imbagħad ħalla n-nies u mar id-dar. Resqu lejh id-dixxipli tiegħu u qalulu: "Fissirhielna l-parabbola tas-sikrana fl-għalqa." U weġibhom: "Dak li jiżra' ż-żerriegħa t-tajba huwa Bin il-bniedem. L-għalqa hija d-dinja; iż-żerriegħa t-tajba huma wlied is-Saltna; is-sikrana huma wlied il-Ħażin, u l-għadu li żeragħha huwa x-Xitan. Il-ħsad ifisser tmiem id-dinja, u l-ħassada l-anġli. Mela bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem id-dinja. Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra mis-Saltna tiegħu kulma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien. Imbagħad il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx fis-Saltna ta' Missierhom. Min għandu widnejn, ħa jisma'!"

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu*

Mulej Ġesù, nistħajjel li l-misteru tal-imħabba u s-sabar tal-Missier moħbi f'din il-parabbola jinsab fil-frażi li jgħid sid l-għalqa: "Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad." Inti stess fil-laqgħa tagħkom billejl stqarrejt ma' Nikodemu: "Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu" (Ġw 3, 17). Mhux hekk ngħannulek fil-*Pange Lingua* fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka sakemm f'dan is-sagrament tal-għaġeb titwassal għall-Altar tar-Repożizzjoni jew fil-festa li nagħmlu wara Żmien l-Għid biex inweġġħuk fl-Ewkaristija Mqaddsa:

Lilna mogħti, lilna mwieled
minn omm xebba bla mittiefsa;
hu bħal bniedem għoġbu jgħammar,
jiżra' s-sewwa fina ried;
sakemm, fl-aħħar, ħajtu fostna
temm fost l-ogħla għeġubijiet.

Imma fid-djalogu ma' Nikodemu, għas-satra tal-lejl, inti tkompli wkoll billi tistqarr li min jemmen fik "ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla" (Ġw 3, 18). Tassew, fil-ħniena infinita li tfur bla heda mil-qalba tat-Trinità, jum il-ħaqq jibqa' jiġi ttardjat sabiex inti tagħtina ċ-ċans li nduru lejk u nħalluk tittrasformana, l-istess kif il-qamħ it-tajjeb maħsub isir dqiq u jinbidel fil-ħobż għas-sosten tal-ġisem u tar-ruħ. Tagħtina ċans biex, hekk kif ta' spiss insibu ruħna mitlufa qalb is-sikrana jew maqbud qalb l-għollieq tal-ħajja, xorta waħda nikbru u nagħmlu l-frott. Is-sikrana u l-qamħ jintagħrfu sew minn xulxin meta jimmaturaw u jidher il-frott—"il-qamħ mimli fis-sbula" (Mk 4, 28)—u allura tħalli s-sikrana biex ma jintilifx it-tajjeb, anke jekk imdawwar bil-ħażin u jrid jissara biex jikber għax il-ħażin qed jisraqlu l-enerġija u l-wisa'.
Hekk kif ninsabu maqbudin f'din it-tensjoni u ngħixu f'dinja li xi minn daqqiet tħobb iktar id-dlam milli d-dawl, Mulej Ġesù, nitolbuk tagħtina l-qawwa tiegħek

biex nibqgħu nitħabtu ħalli nikbru u nogħlew 'il fuq lejk sabiex jilħquna r-raġġi tiegħek li bħax-xemx jagħtuna l-enerġija meħtieġa u jsajru l-frott tat-tajjeb tagħna. Għal dawk id-drabi fejn ħallejna lilna nfusna nsiru strumenti f'idejn l-għadu biex niżirgħu s-sikrana u nkunu s-sikrana li tisraq u teqred it-tajjeb, Mulej Ġesù, nitolbuk taħfrilna u tagħtina l-kuraġġ u l-umiltà meħtieġa biex insewwu fejn kissirna u nsaħħu dak li dgħajjifna. U jalla l-frott li tagħti l-ħajja tagħna jkun bnin u tajjeb mhux biss għas-salvazzjoni tagħna, imma jkun hekk abbundanti li inti tkun tista' tqassmu u tużah anke għas-salvazzjoni ta' ħutna.

## Innu Ewkaristiku

Mulej Ġesù, se nerġgħu ntennulek li "Aħna nemmnu li int għad terġa' tiġi bħala mħallef," u għalhekk se nitolbuk biex "tgħin lill-qaddejja tiegħek, li int fdejt b'demmek il-għażiż" (*Te Deum*) u li aħna se rressqu quddiemek kif ninsabu miġbura madwarek.

- Iben ta' Alla l-ħaj, int qegħedt l-Appostli bħala sisien tal-Knisja tiegħek: seddaq lis-suċċessuri tagħhom—il-Papa u l-isqfijiet—u żomm lill-fidili tiegħek fit-tagħlim tagħhom. Nitolbu.
- Sultan tal-ħolqien, ħares lejn id-dinja li fdejt bil-mewta ħarxa tiegħek: agħmel li fost il-popli kollha jsaltnu l-paċi, l-imħabba, u l-ġustizzja. Nitolbu.
- Faraġ tal-imnikktin, fi tjubitek inti xxuttajt id-dmugħ tal-qraba fil-mewt ta' Lazzru, ta' bin l-armla ta' Najn u ta' bint Ġajru: kun il-faraġ ta' dawk kollha li jibku t-telfa ta' xi ħadd għażiż għalihom. Nitolbu.
- Qassis waħdieni tal-Patt il-Ġdid li jibqa' għal dejjem, irressqu quddiemek l-erwieħ ta' dawk li qdewk fuq l-art bħala saċerdoti, persuni kkonsagrati, u missjunarji: kompli sejjeħ minn fostna qlub ġenerużi li bla biża' jmiddu għonqhom għax-xogħol fil-ħsad kbir tiegħek. Nitolbu.
- Bis-sagrifiċċju tal-ġisem tiegħek fuq is-Salib, int għamiltna pellegrini u ċittadini tas-sema pajjiżna: kabbar il-qima u l-imħabba tagħna lejk, biex ngħixu skont ma jitlob minna l-ġieħ li nagħtuk f'dan is-Sagrament. Nitolbu.
- Salvatur Divin, ħenn għal ħutna l-mejtin, u iġborhom għal dejjem madwarek, mal-Verġni Mqaddsa Marija, ma' San Ġużepp u mal-qaddisin kollha: bit-talb tagħhom għalina, wassal lilna wkoll magħhom fis-sema. Nitolbu.

Fit-tjieba tiegħek, Mulej Ġesù, agħti widen għat-talb li qegħdin nagħmlulek, biex kif jissaħħaħ it-twemmin tagħna fil-qawmien tiegħek mill-imwiet, hekk titqawwa t-tama tagħna fil-qawmien mixtieq tagħna u tal-qaddejja kollha tiegħek għall-ħajja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali